# IL-PROVINĊJA FRANĠISKANA MALTIJA TAGĦLAQ 100 SENA

Il-Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri, iddedikata lill-Appostlu San Pawl, tagħlaq 100 sena. Kien il-Ħadd 12 ta' April 1914, li kien Għid il-Kbir, meta l-Ministru Ġeneral tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri, Patri Pacifico Monza ofm, iddikjara l-Kustodja Franġiskana Maltija ta' San Ġwann Battista bħala Provinċja indipendenti tal-Ordni, bit-titlu ta' San Pawl.

Il-Franġiskani Maltin kienu diġà kisbu ċerta awtonomija mill-Provinċja ta' Sqallija ta' Val di Noto fl-1838, meta kienu saru Kustodja. Kien vjaġġ twil u mimli diffikultajiet. Sa mit-twaqqif tal-ewwel kunvent tal-Franġiskani Osservanti fir-Rabat tal-Imdina, iddedikat lil *Santa Marija ta' Ġesù*, u magħruf mill-popolazzjoni lokali bħala *Ta' Ġieżu*, korruzzjoni Maltija tad-djalett Sqalli *Di Giesu*, il-Franġiskani Maltin tal-familja tal-Osservanza kienu jiffurmaw parti mill-Provinċja ta' Val di Noto, li kienet tkopri n-nofsinhar ta' Sqallija. Din il-Provinċja kellha tradizzjoni twila u antika ta' fedeltà lejn it-tiġdid tal-ħajja Franġiskana, permezz tal-moviment tal-Osservanza li tferrex bħal leħħa ta' berqa fl-Italja matul is-seklu 15. Wieħed mid-dixxipli ta' San Bernardin minn Siena, li kien mexxa l-moviment tal-Osservanza, kien l-Isqof Matteo Giumarra di Agrigento. Kien hu li ferrex ir-riforma Osservanti fi Sqallija, minn fejn ġew l-ewwel Franġiskani Osservanti f'Malta lejn tmiem is-seklu 15.

Mal-bini tal-Belt Valletta, il-Gran Mastru Pietro del Monte irregala l-art lill-Franġiskani Osservanti biex jibnu t-tieni knisja u kunvent tagħhom fil-belt il-ġdida. Il-knisja ġiet ukoll iddedikata lil *Santa Marija ta' Ġesù*, u hi ġawhra ta' arkitettura iddisenjata mill-inġienier famuż Malti Ġlormu Cassar.

Dawn iż-żewġ kunventi baqgħu ċ-ċentri tal-ħidma pastorali tal-Franġiskani Osservanti Maltin għal tliet sekli. Sadanittant, iżda, l-indħil żejjed tas-Saltna ta' Napli u Sqallija fi kwestjonijiet li kellhom x'jaqsmu mar-reliġjużi Maltin, flimkien mal-atteġġjament ambivalenti tal-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca, wasslu lill-Franġiskani Osservanti Maltin biex jieħdu l-inizjattiva li jinqatgħu minn Sqallija, u jappellaw direttament għat-tmexxija mill-Kurja Ġenerali tal-Ordni f'Ruma. Sfortunatament din l-inizjattiva intemmet fi traġedja għal żewġ patrijiet Franġiskani Maltin li kellhom il-kuraġġ li jmorru f'Ruma favur din il-kawża. Dawn kienu Patri Akkursju Stuppia u Patri Ġwann Nikola Falzon. Spiċċaw eżiljati minn Malta b'ordni tal-istess Gran Mastru li, b'ipokrisija kbira, kien inkuraġġihom fit-tentattiv tagħhom! L-isforz tagħhom, iżda, ma kienx għalxejn. Fl-1790 il-kunventi Franġiskani Maltin ġew dikjarati Kustodja indipendenti, imma biss għal żmien qasir. It-Tribunal tar-*Regia Monarchia* tas-Saltna ta' Napli u Sqallija kien għadu kuntrarju għal kull tentattiv ta' separatiżmu min-naħa ta' reliġjużi Maltin.

Il-wasla tat-temxxija tal-Ingliżi f'Malta matul is-seklu 19 biddlet il-kors tal-istorja għar-reliġjużi Maltin. L-Ingliżi kellhom interess li jifirdu lir-reliġjuzi mill-Provinċji ommijiet tagħhom fi Sqallija, u jpoġġuhom direttament taħt id-dipendenza minn Ruma. Hekk fis-26 ta' Lulju 1838 il-Franġiskani Osservanti f'Malta saru Kustodja, u għażluy bħala patrun lil San Ġwann Battista.

Il-ġrajjiet storiċi fl-Ordni Franġiskan fi tmiem is-seklu 19 kien ukoll okkażjoni għal qawmien u tiġdid tal-ħajja reliġjuża Franġiskana f'Malta. L-unifikazzjoni tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri fl-1897, u l-figura providenzjali ta' Franġiskan Malti, Patri Anton Maria Cesal ofm, kienu fatturi ċentrali li ġabu magħhom it-tiġdid tal-Kustodja Franġiskana Maltija. Cesal waqqaf żewġ knejjes u kunventi ġodda, is-Sacro Cuor f'Tas-Sliema u Sant'Antnin f'Għawdex. Iż-żmien kien wasal għal twelid ġdid. L-Ordni Franġiskan kien lest li joħloq entità ġdida, il-Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri, iddedikata lil San Pawl Appostlu. Kien eżattament 100 sena ilu.

Il-Ministru Ġeneral tal-Ordni dak iż-żmien kien Patri Pacifico Monza ofm (1911-1915). Fl-1914 hu ġie Malta għal viżta ġenerali. Fis-7 ta' April 1914 kien ħareġ id-Digriet tal-fundazzjoni tal-Provinċja Franġiskana Maltija, bit-titlu ta' San Pawl Appostlu. Id-Digriet oriġinali, iżda, ġie ippubblikat fil-kunvent *Ta' Ġieżu* fil-Belt Valletta nhar Ħadd il-Għid, 12 ta' April 1914.

Il-Ministru Provinċjal ġdid, Patri Anton Maria Cesal, laqqa' d-Definitorju jew Kunsill tal-Provinċja fl-1 ta' Lulju 1914. Sa ma wasal iż-żmien li kellu jagħmel it-tieni laqgħa fis-16 ta' Diċembru, Anton Maria Cesal kien laħaq miet fl-14 ta' Diċembru 1914, wara biss 8 xhur bħala Provinċjal. Jista' ġustament jitqies bħala missier il-Provinċja.

Minn dak iż-żmien il-Provinċja Franġiskana Maltija kompliet tikber u tinfirex, bi knejjes u kunventi ġodda fil-Ħamrun (San Franġisk Stimmatizzat), Baħar iċ-Ċagħaq (Dar tal-Irtiri Porziuncola u Santa Marija tal-Anġli), u preżenzi oħrajn permanenti u temporanji fil-missjonijiet u f'Malta (Londra, Toronto, Adelaide, Ħonduras, Libja, Ħal Far, Birkirkara, Mellieħa, Marsaskala).

Iż-żminijiet qatt ma kienu faċli għall-Provinċja Franġiskana Maltija. Din it-tifkira mhijiex biss ċelebrazzjoni ferrieħa ta' dak li inkiseb fl-imgħoddi, imma trid tkun ukoll okkażjoni kuraġġuża biex naffaċċjaw modi ġodda ta' xhieda Franġiskana fis-soċjetà sekolarizzata u postmoderna li fiha ngħixu.